MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 362/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Novembru, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-esponenti hija miżżewġa lill-intimat C.

2. Illi fil-25 ta' Novembru, 2003, twieled il-minuri X, liema minuri ġie reġistrat bħala l-wild naturali ta' l-intimat C, hekk kif jirriżulta miċ-Ċertifikat ta' Twelid anness u mmarkat bħala Dok. A.

3. Illi l-minuri X m'huwiex l-iben naturali ta' l-intimat C, iżda ta' l-intimat D.

4. Illi l-intimat D stqarr pubblikament li l-minuri X huwa l-wild naturali tiegħu u dan permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Marilene Cristina (Dok. B); u b'rikors ġuramentat meħud fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni biex twaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta numru 905/04 fl-ismijiet: D vs A(Dok. C).

Għalhekk l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. tiddikjara li iben l-esponenti X li twieled fil-25 ta' Novembru, 2003, m'huwiex il-wild naturali ta' l-intimat C;

2. tiddikjara li iben l-esponenti X li twieled fil-25 ta' Novembru, 2003 huwa l-wild naturali ta' l-intimat D;

3. prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja skond il-Liġi, tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex ineħħi l-konnotati kollha ta' l-intimat C mill-Att tat-Twelid Numru 00000/2003 tal-minuri X li twieled fil-25 ta' Novembru, 2003 u jissostitwihom bil-konnotati ta' l-intimat D.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-20 ta' Frar, 2007 li permezz tagħha l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti tipprova l-impossibilta' fiżika bejn il-konjuġi u cioe' bejn l-intimat C u bejnha.

3. Inoltre, mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, ir-rikorrenti għandha tispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat D sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, ir-rikorrenti għandha titlob li jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu, il-kliem "*the said*" għandhom jiġu kanċellati mill-kolonna li tispeċifika d-dettalji ta' l-omm.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Frar, 2007 li permezz tagħha l-Kuraturi Deputati Av. Mark Busuttil u PL Veronica Rossignaud esponew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u qed jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw ir-risposta tagħhom fi stadju ulterjuri.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti D u C għalkemm notifikati naqsu li jirrispondu għar-rikors u għalhekk huma kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavit ta' l-attriċi u ta' omissis , kif ukoll il-kuntratt pubbliku li bih il-konvenut D iddikjara l-paternita' tiegħu fir-rigward tal-wild imsemmi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha u reġistrata bħala bint ir-raġel tagħha; il-konvenut ammetta permezz ta' att pubbliku iżda ma pparteċipax f'din il-kawża, kif lanqas ma għamel żewġ l-attriċi, u l-kuraturi baqgħu mhux edotti bil-fatti.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba attriċi, u anke f'dan il-każ hemm ammisjoni ċara. Mil-provi jirriżulta li l-attriċi żżewġet meta ġia kienet fi stat avvanzat ta' tqala u jidher li ż-żwieġ tagħha kien wieħed ta' konvenjenza u hija u żewġha qatt ma għexu flimkien.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret a fol 29. Ikun tajjeb pero' li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artiklu 256 li se tiġi ordnata minn din is-sentenza u cioe' li d-Direttur ikun obblikat li jagħmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi żmien għaxart ijiem li jiġi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess. Għandu raġun id-Direttur pero' jgħid li l-kliem "*the said*" għandhom jiġu kkanċellati minn taħt il-kolonna li tagħti t-tagħrif ta' l-omm.

**Għaldaqstant il-Qorti;**

**1. Tilqa' l-ewwel talba;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara lill-attur missier naturali tal-minuri X;**

**3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji (kompriżdak indikat fl-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu) fl-att tat-twelid numru 0000 tas-sena 2003 billi jiġu mniżżla l-konnotati tal-konvenut D minflok dawk tal-konvenut C u dan fi żmien għaxart ijiem minn meta l-istess Direttur jiġi notifikat mill-attur bil-konnotati tiegħu u b'kopja vera ta' din is-sentenza mill-istess attur.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------